MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 244/2005

**Advance Shipping Limited (C-18421)**
**vs**
**Central Marine Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Jannar, 2005, fejn intqal :**
**Illi fit-8 ta' Frar, 2004 u fis-16 ta' Frar, 2004, is-socjeta` attrici ddepozitat mas-socjeta` konvenuta s-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100) u tlett mitt lira maltija (Lm300) rispettivament rapprezentanti demurrage, sabiex tigi rilaxxata merci mill-bastiment mv Maasdiep liema depozitu kellu jigi rifuz lis-socjeta` attrici wara l-konsenja ta' l-istess merkanzija (kopja tar-ricevuta annessa mal-avviz immarkata Dok.A u Dok.B rispettivament).**
**Illi s-socjeta` attrici talbet rifuzjoni tal-imsemmi depozitu meta s-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti a bazi ta' allegata tpacija ma' pretensjoni**

**mertu ta' kawza li ghandha pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Central marine Limited vs Advance Shipping Limited) 1198/98JAB) u li ghalhekk hija illegali u mhux skond il_ligi.**
**Illi ghalhekk is-socjeta` attrici tinstab kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma totali ta' erba' mitt lira Maltija (Lm400.00).**
**Ghaldqastant is-socjeta` attrici titlob li jigi dikjarat li s-socjeta` konvenuta hi debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' erba' mitt lira Maltija (Lm400) u tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici dan l-ammont.**
**Bl-ispejjez u bis-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra d-digriet tat-22 t'April, 2005 li bih t-Tribunal ordna l-korrezzjoni fil-korp tal-avviz fis-sens illi minflok il-kelma « demurrage » jitnizzlu l-kliem « container deposits ».**

**Ra r-risposta prezentata mis-socjeta` konvenuta fis-27 ta' Jannar, 2005, fejn intqal :**
**i. In linea preliminari n-nullita' tal-avviz stante li ma giex indikat l-indirizz veru tas-socjeta` attrici imma nghata l-indirizz ta' l-ufficju ta' l-avukat difensur kuntrarjament ghal dak li hemm indikat fil-formola ta' l-Avviz.**
**Ii, Illi subordinatament u fil-mertu, xi hlasijiet li setghu saru mill-atturi ma kienux jikkoncernaw « demurrage », u ghalhekk il-kawzali u l-premessa ta' l-avviz hija wahda zbaljata, u b'hekk it-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.**
**iii. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, kull ammont li setghet hallset is-socjeta` attrici serva biex gie pacut ma u akkont ta' debitu ta' l-istess socjeta` attrici favur is-socjeta` eccipjenti li huwa ferm akbar mill-ammont mitlub f''din il-kawza, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**iv. Illi fi kwalunkwe kaz is-socjeta` konvenuta ma kienet qatt f'pozizzjoni li thallas lura xi ammont lis-socjeta` attrici ghaliex ma nghatawx id-dokumenti**

**kollha mehtiega sabiex jigi verifikat l-istat tal-containers, kif bilfors irid isir.**
**v. Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Ra l-eccezzjoni ulterjuri sollevata fit-18 ta' Mejju, 2005, fejn gie eccepit :**
**i. In linea preliminari, n-nullita' tal-korrezzjoni tal-Avviz akkordat bid-digriet tat-Tribunal tat-22 ta' April, 2005, stante li din qatt ma kienet tista' ssir skond l-Artikolu 175 tal-Kap.12, u dana billi din il-korrezzjoni tibedl radikalment il-kawzali tat-talba u t-talba nnifisha u tippregudika irrimedjabilment il-pozizzjoni tas-socjeta` konvenuta u l-eccezzjonijiet u d-difiza taghha.**
**ii. Illi subordinatament u fil-mertu, xi hlasijiet li setghu saru mill-atturi ma kienux jikkoncernaw « demurrage », u ghalhekk il-kawzali u l-premessa ta' l-avviz hija wahda zbaljata, u b'hekk it-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.**
**iii. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, kull ammont li setghet hallset is-socjeta` attrici seerva biex gie pacut ma u akkont ta' debitu ta' l-istess socjeta` attrici favur is-socjeta` eccipjenti li huwa ferm akbar mill-ammont mitlub f'din il-kawza, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**iv. Illi fi kwalunkwe kaz is-socjeta` konvenuta ma kienet qatt f'posizzjoni li thallas lura xi ammont lis-socjeta` attrici ghaliex ma nghatawx id-dokumenti kollha mehtiega sabiex jigi verifikat l-istat tal-containers, kif bilfors irid isir.**
**v. salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Ikkunsidra :**
**1. Illi din id-decizjoni tirrigwarda biss l-ewwel eccezjoni ulterjuri sollevata, cioe` n-nullita' tal-korrezzjoni tal-Avviz akkordat bid-digriet tat-Tribunal tat-22 ta' April, 2005, stante li din qatt ma kienet tista' ssir skond l-Artikolu 175 tal-Kap.12.**
**2. Fir-rigward jibda biex jinghad li kif konstantement ripetut, id-disposizzjonijiet tal-Kap.12 ma japplikawx kollha ghat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar. Dawk id-disposizzjonijiet li japplikaw huma espressament**

**imemmijin fl-Att promotur u ma jinkludux l-Artikolu imsemmi. Huwa minnu li kif ritenut mill-Qorti tal-Appell, it-Tribunal jista japplika dawk id-disposizzjonijiet li jidhirlu, pero` ma hux marbut bil-proceduri rigidi ta' Qorti. F'dan is-sens principalment hemm id-distinzjoni ghall dak li jirrigwarda proceduri bejn il-Qrati Ordinarji u dan it-Tribunal. Jekk wiehed jadotta dak li qed tissottometti is-socjeta` konvenuta, dan it-Tribunal titnehhilu hafna minn dik l-informalita fil-proceduri li tippermettilu imexxi il-kazi b'aktar heffa, u tkun kontro-producenti ghall-funzjonijiet tat-Tribunal.**

**3. Jekk sar zball fl-avviz, is-socjeta` attrici gustament talbet korrezzjoni, u dina inghatatlu.**

**4. Naturalment ma jitnehhiex id-dritt lis-socjeta` konvenuta li taghmel ir-risposta taghha, in vista tat-tibdiliet fl-avviz, u fil-fatt hekk sar.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad l-ewwel eccezzjoni ulterjuri sollevata, u jordna l-prosegwiment fil-mertu. Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------